# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 944/2008

## tal-25 ta' Settembru 2008

## li jdaħħal ċerti denominazzjonijiet fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Salame S. Angelo (IĠP), Chouriço Azedo de Vinhais ou Azedo de Vinhais ou Chouriço de Pão de Vinhais (IĠP), Presunto do Alentejo ou Paleta do Alentejo (DPO)]

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 tal-20 ta' Marzu 2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u tad-denominazzjonijiet tal-oriġini tal-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel [traduzzjoni mhux uffiċjali] [1], u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 7(4) tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(2) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006 u b'applikazzjoni tal-Artikolu 17(2) tar-Regolament imsemmi, l-applikazzjoni mressqa mill-Italja għar-reġistrazzjoni tad-denominazzjoni "Salame S. Angelo" u l-applikazzjonijiet imressqin mill-Portugall għar-reġistrazzjoni tad-denominazzjonijiet "Chouriço Azedo de Vinhais" jew "Azedo de Vinhais" jew "Chouriço de Pão de Vinhais" u "Presunto do Alentejo" jew "Paleta do Alentejo" ġew ippubblikati *fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* [2].

(2) Ġaladarba l-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda dikjarazzjoni ta' oġġezzjoni skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, dawn id-denominazzjonijiet għandhom ikunu rreġistrati,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Id-denominazzjonijiet imsemmija fl-Anness għal dan ir-Regolament għandhom ikunu rreġistrati.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 25 ta' Settembru 2008.

*Għall-Kummissjoni*
Mariann FISCHER BOEL
*Membru tal-Kummissjoni*

---

[1] ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12.

[2] ĠU C 289, 1.12.2007, p. 32 (Salame S. Angelo), ĠU C 289, 1.12.2007, p. 29 (Chouriço Azedo de Vinhais jew Azedo de Vinhais jew Chouriço de Pão de Vinhais), ĠU C 300, 12.12.2007, p. 38 (Presunto do Alentejo jew Paleta do Alentejo).

*ANNESS*

Prodotti agrikoli ghall-konsum mill-bniedem elenkati fl-Anness I tat-Trattat:

**Klassi 1.2. Prodotti tal-laħam (imsaħħnin, immellħin, affumikati, eċċ …)**

L-ITALJA

Salame S. Angelo (IĠP)

IL-PORTUGALL

Chouriço Azedo de Vinhais jew Azedo de Vinhais jew Chouriço de Pão de Vinhais (IĠP)

Presunto do Alentejo jew Paleta do Alentejo (DPO)